MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2011

Numru 599/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**vs**

**KEITH PACE**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Keith Pace ta' 28 sena bin Lawrence u Emanuela nee' Vella mwieled fil-Pieta' fl-10 ta' Lulju, 1980 li joqghod 49, Triq Stefano Zerafa Marsa, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 327480(M).

Gie akkuzat talli f'xi zmien wara d-29 ta' Jannar 2007, f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati

b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom, u cioe’ laqa’ ghandu mobile phone misruq ta’ l-ghamla Motorola V3, liema mobile huwa propjeta’ ta’ Carmen Vella mir-Rabat Ghawdex u/jew persuni ohra;

Talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi moghtija lilu mill-Qorti ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghawx jigi mibdula;

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imsemmi Keith Pace b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ flus skond L-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok AP3 u nnutat li l-imputat Keith Pace m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li ghall-fini li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reati simili, il-Qorti hija mitluba tikkunsidra l-possibilta’ li tpoggi lill-imputat taht l-Ordni ta’ Probation.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni iddikjarat li qeghda tirtira t-talba taghha fit-Tahrika li l-Qorti torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus skond l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 334(a), 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Keith Pace, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, inkwantu ghall-akkuzi kollha migjuba kontra l-imsemmi imputat Keith Pace tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Keith Pace taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Keith Pace ghall-piena ta' sitt mitt Euro (Euro 600 multa).

Nkwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika li l-Qorti torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus skond l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara li din it-talba giet irtirata mill-Prosekuzzjoni fis-Seduta tallum.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Keith Pace.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Keith Pace kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Keith Pace l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------